



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 13 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

13641/23

LIMITE

CORLX 921
CFSP/PESC 1327
RELEX 1116
COAFR 338
CONUN 256
COARM 248

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	13 ta' Ottubru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	JOIN(2023) 32 final
Suġġett:	Proposta Konġunta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 224/2014 dwar miżuri restrittivi minħabba s-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument JOIN(2023) 32 final.

Mehmuż: JOIN(2023) 32 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

IR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-
UNJONI GĦALL-
AFFARIJET BARRANIN U L-
POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 13.10.2023
JOIN(2023) 32 final

2023/0374 (NLE)
SENSITIVE*

Proposta Konġunta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 224/2014 dwar miżuri restrittivi minħabba s-
sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana**

* Distribution only on a 'Need to know' basis - Do not read or carry openly in public places. Must be stored securely and encrypted in storage and transmission. Destroy copies by shredding or secure deletion. Full handling instructions <https://europa.eu/db43PX>

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Fl-10 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 224/2014 dwar miżuri restrittivi minħabba s-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana.

Fis-27 ta' Lulju 2023 il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta r-Riżoluzzjoni 2693 (2023). Dik ir-Riżoluzzjoni tistabbilixxi li l-miżuri ta' embargo fuq l-armi u r-rekwiżiti ta' notifika relatati ma għandhomx jibqgħu japplikaw għall-forniment, il-bejgħ jew it-trasferiment ta' armi u materjal relatat, u għall-ġhoti ta' assistenza, pariri u taħriġ lill-forzi tas-sigurtà tar-RĊA, inklużi istituzzjonijiet statali tal-infurzar tal-liġi ċivili.

Il-Kunsill mistenni li jadotta deċiżjoni li temenda d-Deċiżjoni 2013/798/PESK sabiex tirrifletti dawn id-dispożizzjonijiet.

Hija meħtieġa azzjoni addizzjonali mill-Unjoni sabiex dawn il-miżuri jiġu implimentati.

Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea jipproponu li jemendaw ir-Regolament (UE) Nru 224/2014 skont dan.

Proposta Konġunta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 224/2014 dwar miżuri restrittivi minħabba s-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni (PESK) [2023/...]¹, li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/798/PESK tat-23 ta' Diċembru 2013 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Ċentru-Afrikana²,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Fl-10 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 224/2014 dwar miżuri restrittivi minħabba s-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana³ ("RĊA"), sabiex jagħti effett lil ċerti miżuri previsti fid-Deċiżjoni 2013/798/PESK.
- (2) Fis-27 ta' Lulju 2023, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta r-Riżoluzzjoni 2693 (2023). Dik ir-Riżoluzzjoni tistabbilixxi li l-miżuri ta' embargo fuq l-armi u r-rekwiżiti ta' notifika relatati ma għandhomx jibqgħu japplikaw għall-forniment, il-bejgħ jew it-trasferiment ta' armi u materjal relatat, u għall-għoti ta' assistenza, pariri u taħriġ lill-forzi tas-sigurtà tar-RĊA, inklużi istituzzjonijiet statali tal-infurzar tal-liġi ċivili.
- (3) Fi [...] ta' Ottubru 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) [2023/...], li temenda d-Deċiżjoni 2013/798/PESK f'konformità mar-Riżoluzzjoni 2693 (2023).
- (4) Xi wħud minn dawk l-emendi jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u għaldaqstant hija neċessarja azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni sabiex dawn jiġu implimentati, b'mod partikolari sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha.
- (5) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 224/2014 jiġi emendat skont dan,

¹ GÜ L ...

² GÜ L 352, 24.12.2013, p. 51.

³ GÜ L 70, 11.3.2014, p. 1.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fir-Regolament (UE) Nru 224/2014, l-Artikolu 3, l-ittra (e) hija sostitwita b'dan li ġej:

“(e) relatati mal-provvisti ta' armi u materjal relatat ta' kull tip, inklużi armi u munizzjon, vetturi u tagħmir militari, tagħmir paramilitari, u spare parts għal dawk imsemmija hawn fuq, lill-forzi tas-sigurtà tar-RCA, inklużi istituzzjonijiet statali tal-infurzar tal-liġi ċivili.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*